

31991R0440

27.2.1991

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 52/7

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 440/91
tal-25 ta' Frar 1991
li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽¹⁾ dwar in-nomenklatura tat-tariffa u tal-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 53/91 ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 9,

Billi sabiex tkun assigurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa ma' l-imsemmi Regolament, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti referuti fl-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli jgħoddu wkoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata totalment jew parzjalment fuqha jew li jżidu subdiviżjonijiet addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, fid-dawl tat-tħaddim tat-tariffa jew miżuri oħra dwar il-kummerċ ta' l-oġġetti;

Billi, permezz ta' l-imsemmja regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa ma dan ir-Regolament għandhom ikunu kklassifikati taħt il-Kodiċi NM xierqa kif indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna 3;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklaturi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa klassifikati fin-nomenklatura magħquda taħt il-Kodiċi NM xierqa kif indikati fil-kolonna 2 ta' l-imsemmija tabella.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbo fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fil-25 ta' Frar 1991.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 7, ta' l-1.4.1991, p. 10.

L-ANNEX

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifikazzjoni Kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>1. Għaġina lest mħallta ifriżata sewwa minn materjali primarjament magħmula minn tqiq tal-qamħ li miegħu tkun ġiet miżjuda l-marġerina, x-xaħam, l-ilma, l-ħmira, il-bajd u mimlija bill-pasta rjali, zokkor, lamtu tal-qamħ-ir-rum, ilma u marġerina.</p> <p>Wara li tkun tnehiet il-friża, il-prodott hek kif ippreżentat ikun lest għal-ħami</p>	1901 20 20	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali għall-implementazzjoni tan-nomeniklatura magħquda u bil-kliem tal-kodiċi NM 1901 u 1901 20 00 (ara wkoll in-noti ta' spjegazzjoni għall-kodiċi NM 1901 20 00 u l-kodiċi NM 1905)</p>
<p>2. Prodott, fil-għamla ta' trab, li jikkonsisti minn 30 % kasinati tas-sodju, 69 % ħalib skumat u 1 % żejt veġitali idrolizzat b'dawn ir-riżultati tal-karatteristiċi analitiċi li ġejjin (persentaġġ bil-piż):</p> <p>Proteini 50,5 Lattosju 34,6 Irmied tal-ġobon 7,4 Grass tal-ħalib 1,5 Żejt veġitali idrolizzat 1,0 Kontenut ta' unidità 5</p>	1901 90 90	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali għall-implementazzjoni tan-nomeniklatura magħquda u bil-kliem tal-kodiċi NM 1901, 1901 90 u 1901 90 90.</p> <p>Il-Kapitolu 4 għandu jkun eskluż ukoll mingħabba l-preżenza ta' żejt veġitali idrolizzat u l-kasinati tas-sodju</p>
<p>3. Preparazzjoni fil-għamla ta' kapsoli tal-ġelatina ippakkjati għal bejgħ bl-imnut. Kull kapsola jkun fiha 1 222 mg leċitina u 28 mg glicerina</p>	2106 90 91	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali għall-implementazzjoni tan-nomeniklatura magħquda, nota 1a għall-Kapitolu 30 u bil-kliem tal-kodiċi NM 2106, 2106 90 u 2106 90 91.</p> <p>Il-prodott li ma hux ippreparat la għal skopijiet terapewtiċi u l-anqas profilaktiċi huwa meqjus li huwa suppliment ta' l-ikel kif imsemmi fin-noto ta' spejgazzjoni għas-Sistema Armonizzata, kodiċi 2106.</p>